**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**L-1 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 1 ta' April 2013 fil-5:30 ta' wara nofsinhar,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Ħatra ta' Sindku u Viċi-Sindku**
2. **Tqassim ta' karigi lill-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali**
3. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-1 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 1 ta' April 2013 fil-5:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-6:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | David Schembri |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Il-Kunsillier Daniel Farrugia ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. ĦATRA TA' SINDKU U VIĊI-SINDKU

1.1 Skond l-Att Numru 1, bl-emendi fil-liġi tal-2005, il-Kunsillier l-aktar anzjan għandu jiftaħ din l-ewwel laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali.

1.1.1 F'dan il-każ, il-Kunsillier Daniel Farrugia kien l-aktar wieħed anzjan fil-kamra u wara li fetaħ il-laqgħa, għadda minnufih sabiex jiddikjara lill-Kunsillier li kien kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsilliera fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tad-9 ta' Marzu 2013 bħala l-kunsillier li għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku.

1.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-Kunsillier David Schembri ġab l-aktar ammont ta' voti mal-ewwe għadd u għaldaqstant staqsieh jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku għal din is-7 leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

1.1.3 Is-sur David Schembri aċċetta din il-kariga u wara li ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga, inħatar bħala Sindku tal-lokalita' tal-Qrendi.

1.2 Skont l-istess emendi fil-liġi, fil-kariga ta' Viċi-Sindku, joqgħod dak il-kunsillier elett minn fost il-kandidati tal-partit politiku li jkun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsilliera fl-Elezzjoni Lokali, liema kunsillier ikun kiseb, minbarra s-Sindku, l-ogħla għadd ta' voti fl-Elezzjonijiet Lokali.

1.2.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-Kunsillier Charles Zerafa ġab it-tieni l-aktar ammont ta' voti mal-ewwel għadd u għaldaqstant staqsieh jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku għal din is-7 leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

1.2.2 Is-Sur Charles Zerafa aċċetta din il-kariga u wara li ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga, inħatar bħala Viċi-Sindku tal-lokalita' tal-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 2. TQASSIM TA' KARIGI LILL-KUNSILLIERI TAL-KUNSILL LOKALI

2.1 Is-Sindku l-ġdid David Schembri qal li għalkemm kulħadd għandu opinjonijiet u fehmiet differenti, fl-aħħar mill-aħħar għandu jkun hemm qbil unanimu għall-ġid tal-lokalita'.

2.1.1 Qal li hu mhuwiex iħares lejn il-Kunsill Lokali bħala *one man show*, imma li kulħadd jagħti l-mija fil-mija tiegħu/tagħha.

2.1.2 Żied li dan kollu kien ikkunsidrat waqt li kienu qegħdin jitqassmu r-responsabiltajiet lill-Kunsillieri għal din is-seba' leġiżlatura.

2.2 Ir-responsabiltajiet kienu maqsuma kif ġej:

2.2.1 **David Schembri – Sindku**

- *Budget* u Finanzi
- Infrastruttura u Proġetti
- Infurzar tal-Liġi
- Dwal tat-Toroq
- Ġonna u *Soft Areas*
- Ambjent
- Relazzjonijiet Internazzjonali
- Wied iż-Żurrieq
- Turiżmu

2.2.2 **Charles Zerafa – Viċi-Sindku**

- *E-government/*Informatika/Fondi Ewropej
- Attivitajiet Kulturali u Soċjali
- Relazzjonijiet Pubbliċi
- Sigurta' fil-Komunita'
- Wirt Kulturali

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.2.3 **Daniel Farrugia – Kunsillier**

- Għaqdiet Volontarji
- Indafa Pubblika
- Separazzjoni tal-Iskart

2.2.4 **Daniela Farrugia – Kunsillier**

- Sports
- Żgħażagħ
- Kummerċ
- Affarijiet tal-Konsumatur
- Ħarsien tad-Drittijiet tal-Annimali

2.2.5 **Olympia Sant Mifsud – Kunsillier**

- Anzjani
- Ħidma Impenn Soċjali (Familja – Persuni bi Bżonnijiet Differenti – Saħħa)
- Edukazzjoni

2.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li tkun ideali li meta xi resident iressaq xi suġġeriment jew ilment, dan għandu jintlaqa' u jitressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

2.4 Is-Sindku David Schembri qal li jkun għaqli li kollox jgħaddi mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali qabel ma' tittieħed kwalunkwe deċiżjoni u dan sabiex kollox jimxi b'mod ordnat.

2.5 Żied li hemm bżonn li jsir sotto-kumitat tal-finanzi fi ħdan il-Kunsill Lokali.

2.5.1 Qal li fil-preżent tkun ħaġa tajba li jibqgħu l-Viċi-Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia bħala membri f'dan is-sotto-kumitat, filwaqt li hu bħala Sindku jkun ic-*Chairperson* ta' dan is-sotto-kumitat.

2.5.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat il-proposta li jkun hemm il-Viċi-Sindku f'dan is-sotto-kumitat, filwaqt li l-Kunsillier Olympia

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Sant Mifsud issekondat il-proposta li l-Kunsillier Daniel Farrugia wkoll ikun parti mill-istess sotto-kumitat.

2.6 Is-Sindku talab li bħala Kunsill għandu jingħadda vot ta' fiduċja kemm fih bħala Sindku, f'Charles Zerafa bħala Viċi-Sindku kif ukoll fi Chris Falzon bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

2.6.1 Il-Kunsill qabel *nem. con.* u għaldaqstant ingħadda vot ta' fiduċja f'David Schembri bħala Sindku, Charles Zerafa bħala Viċi-Sindku u Chris Falzon bħala Segretarju Eżekuttiv.

## 3. <u>AĠĠORNAMENT</u>

3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm.

3.2 It-2 laqgħa tas-seba leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 ta' April 2013 fl-4:30pm.

3.2.1 Il-Kunsill qabel *nem. con.* dwar id-data u l-ħin ta' din il-laqgħa.

_________________________ _________________________

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |